MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 293/2010

**Vodafone Malta Ltd**

**vs**

**Dimbros Limited**

Il Qorti,

Rat it-talba tar-rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta intimata ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, sitt mija u wiehed u hamsin euro u dsatax-il centezmu (E 3,651.19) rappresentanti ammont dovut lis-socjeta attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lilhom abbazi ta' ftehim bejn il kontendenti, ghal liema somma s-socjeta intimata giet interpellata thallas ghal diversi drabi izda baqghet inadempjenti;

Rat in nota ta' mistoqsijiet tas-socjeta rikorrenti maghmulha lis-socjeta intimat sabiex l-istess socjeta intimata twiegeb ghalihom bil gurament u b'hekk il kreditu

jigi ppruvat a tenut tal artikli 698 (2) u 702 tal Kap 12 tal Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, ghalkemm debitament notifikata bl-affissjoni u publikazzjoni a tenur tal artikolu 187 (4) tal Kap 12 tal-Ligijiet ta' Mata, s-socjeta intimata naqset milli tidher, la ghas-seduta tal 15 ta' Gunju 2011, meta gew ippresentati il mistoqsijiet fuq imsemmija, u lanqas ghas-seduta ta' illum.

Qieset illi, in vista tan nuqqas ta' attendenza tas-socjeta intimata biex tikkontesta it-talba, in Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq illi tigi emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa it-talba tar-rikrorrenti u tikkundanna lis-socjeta intimata Dimbros Limited sabiex thallas is-somma ta' tlett elef, sitt mija u wiehed u hamsin euro u dsatax-il centezmu (E 3,651.19) lis-socjeta rikorrenti Vodafone Malta Ltd.

Bl-ispejjez kif dedotti kontra is-socjeta intimata Dimbros Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------